# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum, il-Hamis 26 ta' Novembru 2020

**Rik. Gur. Nru.: 279/2018 JPG**

**Kawza Nru.: 17**

**CA**

**Vs**

**Dr Victor Bugeja u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti MAA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CA, datat 30 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti izzewget lill-konvenut fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998);*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, AA, illum maggorenni, u MA, li twieldet f'X;*

3. *Illi l-intimat irrenda ruhhu hati versu r-rikorrenti ta' abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi;*

4. *Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment tort unikament ta' l-intimat;*

5. *Illi r-rikorrenti giet abbandunata minn l-intimat zewgha MAA diversi snin ilu, meta huwa halla dawn il-Gzejjer u qatt ma rritorna lura, u r-rikorrent ma ghandhiex hjiel ta' fejn dan qieghed jirrisjedi u lanqas m'ghandha kuntatt mieghu;*

6. *Illi sforz l-istess abbandun, il-hajja matrimonjali ma zewgha giet reza impossibbli;*

7. *Illi m'hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni ma zewgha;*

8. *Illi ma hemm l-ebda assi formanti l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*

9. *Illi r-rikorrent taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilmnet titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lil intimat kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u sussidjarjament minhabba abbandun da parti ta' l-intimata u ghal finijiet tal-artikolu 51 tal-KAp 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat li minnha huwa kien hati tal-firda;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrent tghix separatament mill-intimat;*

3. *Tordna l-qasma tal-kommunjoni tal-akkwisti u tillikwida l-istess;*

4. *Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti, d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Tordna lil intimat ihallas manteniment ghal bintu MA skond kif iffissat mill-istess Onorabbli Qorti;*

6. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-separazzjoni personali tal-partijiet biex din tigi registrata fir-Registru Pubbliku;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat, li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati, datata 14 ta' Dicembru 2018, a fol 15 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ma huwiex edotti mill-fatti tal-kawza u qieghdin jirriservaw id-dritt li jirrispondu ulterjorment fi stadju ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.*

2. *Illi r-rikorrenti ghandha tipproduci l-indirizz fl-esterju esteru tal-assenti MAA kemm-il darba taf fejn qieghed jirrisjedi.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet t-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

**CA** xehdet a fol 17 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' April 1998 meta hija kellha ghoxrin sena, wara li kien ilhom jafu lil xulxin tlett snin. Spjegat illi l-hajja matrimonjali ma kienitx wahda facli ghaliex l-intimat kien jerfa jdejh fuqha. Kompliet illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, AA, li llum il-gurnata ghandu ghoxrin sena u jahdem, HA li twieled fid-9 ta' Lulju 2000 u MA li llum il-gurnata ghandha erbatax -il sena. Spjegat illi sfortunatament H gie nieqes meta kellu cirka sena u nofs wara li waqa' mill-gallarija tal-dar matrimonjali fl-2002. Kompliet illi meta sehh l-incident hija kienet marret tigbor lil A mill-iskola u kien hemm l-intimat zewgha jiehu hsieb lil H id-dar, izda meta kienet waslet lura d-dar kienet rat hafna nies fit-triq u ma sabet la lil intimat u lanqas lil binhom gewwa. Ftit wara kien marret tifla li qaltilha li binha kien waqa' mill-gallarija. Xehdet illi wara dan l-incident, il-pulizija kienu fethu proceduri kontra l-intimat fuq akkuzi ta'

traskuragni. Xehdet illi wara dan l-incident ir-relazzjoni tal-partijiet marret ghall-aghar, u ghalkemm kien hemm zmien fejn l-intimat kien waqaf jerfa' jdejh fuqha u hija kienet hafritlu meta dehru l-Qorti, eventwalment is-swat kien rega beda. Xehdet illi r-raguni ghal dan kien primarjament ghaliex l-intimat kien ikun iridha tikkonverti, jew jiddettalha x'tilbes u tiekol.

Xehdet illi meta kienet iddecidiet li tittermina r-relazzjoni, l-intimat kien hadha hafna bi kbira u kien prova li jergu jirrangaw flimkien. Ziedet illi pero xi xahar wara l-intimat kien harab minn Malta. Dak iz-zmien uliedhom kellhom ghaxar snin u sentejn rispettivament. Xehdet illi wara li telaq minn Malta, l-intimat qatt ma bghatilha xi flus, minkejja li kien ghamel perjodu jcemplilha, eventwalment anke dan il-kuntatt waqaf.

Rigward il-komunjoni tal-akkwisi xehdet illi l-partijiet qatt ma xtraw proprjeta immobbli flimkien u li d-dar matrimonjali kienet tinkera minnhom furnished. Xehdet ukoll illi hija kienet xtrat karozza fl-2018 filwaqt illi l-intimat kien biegh il-karozza tieghu qabel ma' telaq minn Malta, u wkoll illi l-partijiet m'ghandhom l-ebda joint accounts fuq isimhom.

**Joyce Agius** xehdet a fol 34 *et seqq* illi mill-istharrig li ghamlet fuq is-sistema komputerizzata tal-Qorti, irrizultalha illi kontra l-intimat hemm kawza bin-numru 69/2013 quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli li titratta akkuzi ta' omicidju involontarju. Xehdet ukoll illi **din il-kawza kienet marret sine die fit-22 ta' Ottubru 2009 peress illi l-akkuzat kien mahrub minn Malta.**

**L-Ispettur Frankie Sammut** xehed a fol 40 *et seqq* illi mill-informazzjoni li ghandha l-Pulizija, **l-intimat harab minn Malta fis-26 ta' April 2009.**

**AA** xehed a fol 44 *et seqq* illi huwa jigi iben il-partijiet u li missieru kien telaq lura lejn il-Libya meta huwa kellu xi disa' jew ghaxar snin. Xehed illi waqt li missieru kien ghadu Malta l-genituri tieghu kienu l-hin kollu jargumentaw u missieru kien ta' spiss jerfa jdejh fuq ommu, oltre illi qatt ma mantna lil familja sew. Xehed illi xi seba' xhur qabel missieru kien baghtlu message fuq Facebook izda kien injorah u kien blokkjah.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ghall-separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Il-partijiet izzewgu fl-1 ta' April 1998, u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal. Sfortunament, wiehed minn ulied il-partijiet, HA, gie nieqes f'incident tragiku wara li waqa' mill-gallarija tad-dar matrimonjali tal-partijiet.

Iben il-kbir tal-partijiet, AA, llum il-gurnata huwa maggorreni u jahdem, filwaqt illi bint il-partijiet, MA, ghadha minuri.

**Il-htija ghat-tifrik taz-zwieg**

Ir-rikorrenti tikkontendi illi l-intimat huwa unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet u dan minhabba abbandun, adulterju, sevizzi, ecessi u ingurji gravi.

**Abbandun**

L-artikolu 41 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

> "***Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***"

Il-Qorti taghraf illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Camilleri pro et noe vs Rocco Camilleri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Novembru 1964:

> "***L-essenza tal-abbandun tirrisjedi fil-persistenza u l-kontinwita' ta' wiehed jew wahda mill-konjugi, illi jghix apparti mill-konjugi l-ohra jew l-iehor, skond il-kaz, minnghajr raguni tajba.***"

Il-Qorti taghraf ukoll illi sabiex tirnexxi din il-kawzali iridu jirrizulta zewg elementi, u cioe (1) li jkun hemm perjodu ta' sentejn u (2) li jkun minghajr raguni tajba. L-apprezzament dwar ic-cirkostanzi li jikkostitwixxu raguni tajba biex il-konjugu jallontana ruhhu mid-dar matrimonjali, hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-gudikant.[1]

Mix-xhieda tar-rikorrenti, jirrizulta li l-intimat telaq minn Malta f'April 2009 u mar lura l-Libja. Din ix-xhieda tinsab ikkoroborata mix-xhieda tal-Ispettur Frankie Sammut li ppreciza illi l-intimat telaq minn Malta fis-26 ta' April 2009. Jirrizulta illi fiz-zmien tal-harba, l-intimat kien jinsab ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Magistrat Dr. Audrey Demicoli, akkuzat bl-omicidju involontarju ta' iben il-partijiet.

Illi jirrizulta li d-disgwidi bejn il-partijiet komplew jikbru wara l-mewt tragika ta' dan it-tifel.

[1] **Jane sive Giovanni Cordina vs Dottor Albert V Grech et noe**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 11 ta' Jannar 1965; **AB vs L-Avukat Patrick Valentino et noe et,** Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) deciza 5 ta' Dicembru 2017.

Mill-provi prodotti, il-Qorti tqis li ma jirrizulta ebda raguni tajba li tiggustika l-abbandun kommess mill-intimat. Ghalhekk, wara li ezaminat il-provi kollha, il-Qorti tqis illi jirrizulta sodisfacentement pruvat illi l-intimat abbanduna id-dar matrimonjali minghajr raguni tajba, u ghalhekk huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet ai termini tal-artikolu 41 tal-Kodici Civili.

**Sevizzi, Eccessi, u Ingurji Gravi**

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge"***.[2] **Baudry Lacantinerie** jghallem illi ***"Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***[3]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta gie stabbilit:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal stratagemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili"."***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."***[4] Filfatt, **Baudry Lacantinerie** jghallem illi ***"Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione"***.[5] Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi ***"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".***

[2] Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[3] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[4] **Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius,** Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dicembru 1951.
[5] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***[6]

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> **"*Dan il-komportament abitwali* [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] *da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili.*"**

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marthese Vella pro et noe vs George Vella** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti

---

[6] **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti,** Qorti tal-Appell Civili deciza 15 ta' Dicembru 2015.

diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi kien hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

Illi jirrizulta li matul iz-zwieg tal-partijiet l-intimat kien frekwentement fizikament vjolenti ma' martu, sahansitra quddiem uliedhom meta dawn kienu ghadhom tfal. Filfatt iben il-partijiet stess, AA xehed quddiem din il-Qorti illi hu ra lil missier jerfa jdejh fuq ommu. Ir-rikorrenti spjegat illi l-intimat kien isir vjolenti meta kienu jinqalghu argumenti bejniethom ghaliex huwa kien ikun irid jimponi fuqha kif tilbes u x'tiekol u kien ikun iridha tibdel ir-religjon taghha. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollha jammonta ghall-eccessi, sevizzi u ingurji gravi, u jkompli jikkonferma illi l-intimat huwa hati tat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet.

Apparti dan kollu, il-Qorti rat ukoll illi mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta illi l-intimat ma kien jikkontribwixxi xejn lejn il-htigijiet tal-familja meta li l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien. Il-Qorti taghraf illi dan l-agir irresponsabbli huwa ksur lampanti tad-doveri tal-intimat bhala konjugu u bhala missier, u irresponsibilita ta' din is-severita, specjalment f'retroxxena ta' vjolenza domestika, tammonta ghal htija da parti ta' dak il-konjugu ghat-tifrik taz-zwieg. Dan kif gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta u ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-1 ta' Frar 2016, fejn intqal illi:

> "***M'hemmx dubju illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex ifarrak u jkisser iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ghaliex bl-agir vjolenti u irresponsabbli tieghu irrendha l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet mhux biss insopportabbli izda wkoll perikoluza. Il-provi juru illi kieku ma kienx ghall-hidma bla heda tal-attrici, nonostante l-ostakoli kollha li ghogbu jipprovdi l-konvenut, ulied il-partijiet kienu jispiccaw jghixu f'sitwazzjoni ta' faqar u mizerja.***"

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-intimat huwa unikament hati tat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet u dan stante abbandun, eccessi, sevizzi u ingurji gravi.

**L-artikolu 48 tal-Kodici Civili**

L-artikolu 48 tal- Kodici Civili jipprovdi l-konsegwenzi ghal dak il-parti li tkun tat lok ghal tifrik taz-zwieg. Dan l-artikolu huwa dejjem applikabbli meta r-raguni ghat-tifrik taz-zwieg tkun l-abbandun ai termini tal-artikolu 41 tal-Kodici Civili. Dawn il-konsegwenzi jistghu wkoll ikunu applikabbli, skont id-diskrezzjoni tal-Qorti, fejn ir-ragunijiet ghat-tifrik taz-zwieg tkun xi wahda minn dawk indikati fl-artikolu 40 tal-Kodici Civili.

In vista tal-fatt illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak minhabba l-abbandun tal-intimat, u s-sevizzi, eccessi u ingurji gravi kommessi minnu waqt il-konvivenza tal-partijiet, il-Qorti tapplika kontra l-intimat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 *in toto*. Ghal finijiet tal-artikolu 48 (1) (c) il-Qorti qed tistabilixxi d-data tas-26 ta' April 2009 bhala d-data meta l-intimata rrenda ruhu hati tat-tifrik taz-zwieg.

**Ulied il-partijiet**

Jirrizulta illi miz-zwieg tal-partijiet hemm zewgt itfal, u cioe AA, illi llum il-gurnata huwa maggorrenni u jahdem u MA li ghandha erbatax -il sena u ghadha minorreni.

Il-Qorti tosserva illi r-rikorrenti naqset milli tintavola talba rigward il-kura u kustodja tal-minuri MA. Il-Qorti tqis pero illi ordinijiet rigwardanti l-kura u kustodja ta' minuri jistghu isiru anke minghajr talba appozita, u dan fl-ahjar interess tal-minuri u sabiex jigu evitati proceduri gudizzjarji multiplici.

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija rregolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-***

> ***isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018:[7]

> ***"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili10. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""***

Jirrizulta illi ir-rikorrenti harab minn Malta fis-26 ta' April 2009, waqt li kien hemm proceduri kriminali pendenti kontra tieghu rigward akkuzi ta' omicidju involontarju, wara illi wiehed mill-ulied tal-partijiet kien miet f'incident tragiku meta waqa' mill-gallarija tad-dar matrimonjali waqt li kien qieghed fil-kura effettiva tal-intimat ghaliex ir-rikorrenti kienet marret tigbor lil binhom il-kbir mill-iskola. Mill-provi jirrizulta illi l-intimat qatt ma kkontribwixxa lejn il-manteniment ta' uliedu, kemm meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien u kif ukoll wara.

Il-Qorti tqis ukoll illi r-rikorrenti mhux biss kienet vittma ta' vjolenza domestika ipperpetrata mill-intimat, izda anke ulied il-partijiet sfaw vittmi tal-istess. Dan tenut kont illi l-intimat, ghalkemm ma kienx vjolenti direttament fil-konfront tal-ulied, kien jerfa' idejh fuq ommhom, jghajjat maghha, jghajjarha u jheddidha fil-presenza taghhom, sahansitra anke meta kienu zghar. Dan jikkostitwixxi l-imgieba deplorabbli u censurabbli, u jirraprezenta ksur tad-doveri tal-intimat bhala missier u vjolenza domestika morali fil-konfront tal-ulied. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan** citata aktar il-fuq, fejn intqal illi:

> ***"Jirrizulta wkoll illi it-tlett ulied minuri kienu l-vittma ta' vjolenza da parti tal-konvenut, mhux necessarjament fizika izda certament vjolenza morali meta kien jerfa jdejh fuq l-attrici fil-presenza tal-minuri."***

[7] Rik. Gur. 39/17

Fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **F T K P D vs R K P G** deciza fit-22 ta' Marzu 2018, fejn f'cirkostanzi simili din il-Qorti diversament presjeduta kienet ikkonsidrat illi l-Artikoli 56 u 56A tal-Kodici Civili huma applikabbli u relevanti anke fil-kuntest ta' talba minn genitur sabiex jigi fdat esklusivvament bil-kura u kustodja ta' ulied minuri li ma ssirx f'separazzjoni, u kienet *ex officio* svestiet lill-missier mill-awtorita ta' genitur sabiex din l-awtorita tkun ezercitata esklussivament mill-omm:

> **"*Il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-kaz, b'mod partikolari li l-missier abbanduna lill-minuri b'mod assolut, tiddikjara li jezistu l-estremi sabiex iccahhad lill-missier mill-awtorita' ta' genitur sabiex tali awtorita' tigi ezercitata esklussivament mill-omm.*"**[8]

Il-Qorti rat ukoll illi skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili:

> **"*B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.*"**

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina jekk jfic-cirkostanzi huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi xi hadd mill-genituri ghandu jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur.

Il-Qorti tqis illi ikkonsidrat il-vjolenza domestika pperpetrata mir-rikorrent, u l-abbandun tal-familja kommess minnu, jirrizulta illi jezistu l-estremi sabiex l-intimat jigi mcahhad mill-awtorita ta' genitur, sabiex din tigi ezercitata esklussivament mir-rikorrenti ommhom.

Rigward it-talba ghall-manteniment il-Qorti tosserva illi skont il-ligi l-manteniment jigi akkordat a bazi tal-mezzi tal-persuna li hija dovuta thallsu u l-htiegijiet tal-persuna illi tkun qed titolbu. Fil-kaz prezenti ir-rikorrenti naqset li tipproduci provi rigward il-htigijiet tal-minuri. Ghaldaqstant, il-

[8] Rik. Gur. nru. 192/16 RGM.

Qorti tqis illi ghandha takkorda retta alimentari fil-minimu taghha u cioe' mitejn ewro (€200) fix-xahar.

**<u>Komunjoni tal-Akkwisti</u>**

Mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta illi l-partijiet ma xtraw l-ebda proprjeta waqt iz-zwieg u li filfatt id-dar matrimonjali kienet fil-pussess taghhom taht titolu ta' kera, u li inoltre l-mobbli f'din il-proprjeta ma nxtrawx mill-partijiet il-ghaliex l-appartament kien inkera *furnished*. Ir-rikorrenti xehdet illi hija xtrat vettura wara li l-intimat harab minn Malta. Din il-Qorti taghraf illi gja stabbilit id-data tas-26 ta' April 2009 bhala dik id-data meta l-intimat irrenda ruhu responabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet u b'applikazzjoni tal-artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili, tqis li din il-vettura hija proprjeta unikament tar-rikorrenti. Ghalkemm ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova dwar jekk hemmx xi kontijiet bankarji intestati fuq il-partijiet, il-Qorti tqis illi jkun utli li ghal kull buon fini, jigu assenjati lil kull parti, dawk il-kontijiet bankarji li jinsabu intestati f'isimha, filwaqt illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn illi kkontrattat wahedha, bi dritt ta' rivalsa jekk il-parti l-ohra tigi mgieghla taghmel tajjeb ghal dak id-dejn.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba sevizzi, eccessi, ingurji gravi u abbandun kommessi mill-intimat, u ghal finijiet tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabbilixxi d-data tas-26 ta' April 2009 bhala d-data meta l-intimat rrenda ruhu hati tal-firda;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza lir-rikorrenti tghix separatament mill-intimat;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tordna illi l-kontijiet bankarji ezistenti jigu assenjati lil dik il-parti f'isem min ikun intestat u tordna wkoll illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra, filwaqt illi tiddikjara illi kwalunwke proprjeta, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, mixtrija wara s-26 ta' April 2009, tappartjeni unikament lir-rikorrenti in vista tal-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 kontra l-intimat;**
4. **Tilqa' r-raba' talba u tapplika kontra l-intimat *in toto* d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili;**

5. **Tordna illi l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri MA tkun f'idejn ir-rikorrenti;**
6. **Tordna *ex officio* li r-rikorrenti tezercita wahedha u b'mod esklussiv l-awtorita' ta' genitur fuq bintha minuri MA;**
7. **Tilqa il-hames talba u tordna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti a nom tal-minuri MA s-somma ta' €200 fix-xahar bhala retta alimentari.**
8. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjez kollha a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**